

Brussell, 25 ta' Ġunju 2025
(OR. en)

9963/25
PV CONS 29
TRANS 231
TELECOM 181
ENER 222
PARLNAT

ABBOZZ TA' MINUTI
KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA
(Trasport, Telekomunikazzjoni u Enerġija)
5 u 6 ta' Ġunju 2025

LAQGH TAL-ĦAMIS 5 TA' ĠUNJU 2025

1. Adozzjoni tal-aġenda

Il-Kunsill adotta l-aġenda li tinsab fid-dokument 9452/25.

2. Approvazzjoni ta' punti "A"

- a) **Lista leġislattiva** (Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea) 9505/25

Affarijiet Barranin

1. **Regolament dwar is-sospensjoni ta' ċerti partijiet tar-Regolament 2015/478 fir-rigward tal-Ukrajna**  8889/25 + COR 1
Adozzjoni tal-att leġislattiv PE-CONS 7/25
approvat mill-Coreper, Parti 2, fl-4.06.2025 POLCOM

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (bażi legali: l-Artikolu 207(2) TFUE), bl-Ungerija tivvota kontra.

Ambjent

2. **Direttiva li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE fir-rigward tal-istatus ta' protezzjoni tal-lupu (Canis lupus)**  9212/25 + ADD 1
Adozzjoni tal-att leġislattiv PE-CONS 8/25
approvat mill-Coreper, Parti 1, fit-28.05.2025 ENV

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (bażi legali: l-Artikolu 192(1) TFUE), bl-astensjoni tal-Belġju, Spanja u l-Polonja.

Dikjarazzjoni mill-Portugall tinsab fl-Anness.

Deliberazzjonijiet leġiżlattivi

(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

Avjazzjoni

3. **Regolament dwar id-drittijiet tal-passiġġieri tal-ajru**  9430/25 + ADD 1-3
(Bażi legali proposta mill-Kummissjoni: l-Artikolu 100(2)
TFUE)
Qbil politiku (*)

Il-Kunsill laħaq qbil politiku bil-ħsieb li jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar ir-Regolament dwar id-drittijiet tal-passiġġieri tal-ajru kif rifless fl-eżitu tal-proċedimenti (id-dokument 9795/25 + ADD 1-3).

Id-dikjarazzjonijiet mill-Estonja u l-Litwanja jinsabu fl-Anness.

2. **(tkompli) Approvazzjoni ta' punti "A"**

- b) **Lista mhux leġiżlattiva** 9504/25

Il-Kunsill adotta l-punti "A" kollha elenkati fid-dokument imsemmi hawn fuq, inkluż id-dokumenti COR u REV lingwistiċi kollha ppreżentati għall-adozzjoni.

Id-dikjarazzjonijiet għal dawn il-punti jinsabu fl-Addendum.

Deliberazzjonijiet leġiżlattivi

(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

Fuq l-art

4. **Direttiva li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/53/KE li tistabbilixxi għal ċerti vetturi tat-triq id-dimensjonijiet massimi u l-piżijiet massimi**  9156/25
Rapport ta' progress

Il-Kunsill ħa nota tar-rapport ta' progress kif jinsab fid-dokument ta' hawn fuq.

5. Pakkett tal-affidabbiltà stradali

 9155/25

- a) **Direttiva dwar testijiet perjodiċi tal-affidabbiltà stradali (li temenda d-Direttiva 2014/45/UE) u dwar l-ispezzjonijiet tekniċi waqt it-traġitt (li temenda d-Direttiva 2014/47/UE)**
- b) **Direttiva dwar id-dokumenti ta' reġistrazzjoni għall-vetturi u d-data ta' reġistrazzjoni tal-vetturi (li tħassar id-Direttiva 1999/37/KE)**

*Preżentazzjoni mill-Kummissjoni
Skambju ta' fehmiet*

Il-Kunsill ħa nota tal-preżentazzjoni mill-Kummissjoni dwar il-Pakkett dwar l-Affidabbiltà Stradali u kellu skambju ta' fehmiet ibbażat fuq id-dokument imsemmi hawn fuq.

Affarijiet oħra

6. a) **Konġestjoni tat-traffiku tal-ajru¹**
Informazzjoni mill-Kummissjoni

 9187/25

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni.

- b) **Finanzjament għall-infrastruttura tat-trasport wara l-2027**
Informazzjoni mill-Presidenza

 9473/25

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza.

- c) **Sejħa għal azzjonijiet komuni b'reazzjoni għat-theddid ta' disturbazzjoni u spoofing tas-Sistemi Globali ta' Navigazzjoni bis-Satellita (GNSS)**
Informazzjoni mil-Litwanja, iċ-Ċekja, l-Estonja, il-Finlandja, l-Italja, il-Latvja, ir-Rumanija u Spanja

 9188/1/25 REV 1

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mil-Litwanja, iċ-Ċekja, l-Estonja, il-Finlandja, l-Italja, il-Latvja, ir-Rumanija u Spanja.

¹ Preżentazzjoni mir-rappreżentant tal-Eurocontrol.

d) **Proposti leġiżlattivi attwali** (Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)



i) **Direttiva dwar il-liċenzji tas-sewqan, li temenda d-Direttiva (UE) 2022/2561, ir-Regolament (UE) 2018/1724 u li tħassar id-Direttiva 2006/126/KE u r-Regolament (UE) Nru 383/2012**

6795/1/23 REV 1
+ ADD 1 REV 1

ii) **Direttiva dwar skwalifiki tas-sewqan**

6796/23

iii) **Regolament dwar l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1406/2002**

10133/23

iv) **Direttiva dwar is-servizzi tal-informazzjoni tax-xmajjar (RIS)**

6008/24
+ ADD 1-3

v) **Regolament dwar l-użu tal-kapaċità infrastrutturali ferrovjarja fiż-żona ferrovjarja unika Ewropea, li jemenda d-Direttiva 2012/34/UE u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 913/2010**

11718/23 + ADD 1

vi) **Direttiva li twaqqaf il-bidliet staġonali fil-ħin u tħassar id-Direttiva 2000/84/KE**
Informazzjoni mill-Presidenza

12118/18

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza.

e) **Preżentazzjoni tal-ħames Rapport ta' Progress tal-Pjattaforma dwar it-Trasport Internazzjonali tal-Passiġġieri bil-Ferrovija (IRP)**
Informazzjoni mill-Awstrija u n-Netherlands

 9186/25

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Belġju u min-Netherlands.

f) **Inizjattiva dwar kurituri tat-trasport nodfa**
Informazzjoni mill-Kummissjoni

 9487/25

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni.

g) **Programm ta' ħidma tal-Presidenza li jmiss**
Informazzjoni mid-Danimarka

TELEKOMUNIKAZZJONI

Attivitajiet mhux leġiżlattivi

7. **Rakkomandazzjoni tal-Kunsill għal Pjan Dettaljat tal-UE għall-ġestjoni ta' ċiberkriżijiet**  8857/1/25 REV 1 (*)
(Bażi legali proposta mill-Kummissjoni: l-Artikolu 292 TFUE)
Adozzjoni

Il-Kunsill adotta r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill kif tinsab fid-dokument imsemmi hawn fuq.

8. **Konklużjonijiet dwar konnettività affidabbli u reżiljenti**  7929/25
Approvazzjoni

Il-Kunsill approva l-konklużjonijiet kif jinsabu fid-dokument imsemmi hawn fuq.

9. Il-konnettività satellitari bħala element kostitwenti tal-awtonomija strateġika – il-ħtieġa ta' approċċ komprensiv 8784/25
Skambju ta' fehmiet

Affarijiet oħra

10. a) **Il-futur tad-Direttiva dwar is-Servizzi Postali**  9356/25
Informazzjoni mill-Kummissjoni

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni.

- b) **Ir-roaming mal-Ukrajna u l-Moldova - is-sitwazzjoni attwali**  9361/25
Informazzjoni mill-Kummissjoni

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni.

- c) **Pjan ta' azzjoni Ewropew dwar iċ-ċibersigurtà tal-isptarijiet u tal-fornituri tal-kura tas-saħħa**  9351/25
Informazzjoni mill-Kummissjoni

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni.

- d) **L-eżiti tad-diskussjonijiet dwar l-attivitajiet ta' simplifikazzjoni fil-qasam diġitali**  9383/25
Informazzjoni mill-Presidenza

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza.

- e) **Inizjattivi internazzjonali fil-qasam diġitali - sitwazzjoni attwali**  9385/25
Informazzjoni mill-Kummissjoni

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni.

- f) **It-tisħiħ tal-kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Unjoni Internazzjonali tat-Telekomunikazzjoni - eżiti ewlenin mis-sessjoni ta' ħidma "Interkonnessjonijiet bejn Brussell u Ġinevra: it-tisħiħ tal-UE fl-UIT"**  9146/25
Informazzjoni mill-Presidenza

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza.

- g) **Sejħa għal azzjonijiet komuni b'reazzjoni għat-theddid ta' disturbazzjoni u spoofing tas-Sistemi Globali ta' Navigazzjoni bis-Satellita (GNSS)**  9198/1/25 REV 1
Informazzjoni mil-Litwanja, iċ-Ċekja, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, il-Ġermanja, l-Italja, il-Latvja, ir-Rumanija, is-Slovenja u Spanja

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mil-Litwanja, iċ-Ċekja, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, il-Ġermanja, l-Italja, il-Latvja, ir-Rumanija, is-Slovenja u Spanja.

- h) **Il-protezzjoni tal-minorenni minn ħsarat u riskji online: Verifika tal-età, disinn adattat għall-età u età maġġuri diġitali pan-Ewropea**  9110/25
Informazzjoni minn Ċipru, id-Danimarka, Franza, il-Greċja, is-Slovenja u Spanja

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta minn Ċipru, id-Danimarka, Franza, il-Greċja, is-Slovenja u Spanja, appoġġati bil-fomm mill-Italja.

- i) **Rapport tal-laqgħa tal-Ministri Diġitali tal-pajjiżi tal-UE tal-Mediterran - MED9**  9075/25
Informazzjoni mis-Slovenja

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mis-Slovenja.

- j) **L-istrateġija tat-Teknoloġiji Kwantistiċi ta' Spanja (2025-2030)**  9237/25
Informazzjoni minn Spanja

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta minn Spanja.

- k) **Sħubija Dinjija dwar is-Summit dwar l-IA (Bratislava, 25-26 ta' Novembru 2025)**  9192/25
Informazzjoni mis-Slovakkja

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mis-Slovakkja.

- l) **L-IA u s-segwitu għas-Summit ta' Azzjoni dwar l-IA (Pariġi, 10 u 11 ta' Frar 2025)**  9360/25
Informazzjoni minn Franza

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta minn Franza.

- m) **Il-ħtieġa għat-tisħiħ tas-sovranità diġitali tal-Ewropa**  9387/25
Informazzjoni mill-Awstrija

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Awstrija.

- n) **Ħarsa ġenerali lejn l-avvenimenti tal-Presidenza fil-qasam diġitali u tat-telekomunikazzjoni**
Informazzjoni mill-Presidenza

9386/25

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza.

- o) Programm ta' ħidma tal-Presidenza li jmiss
Informazzjoni mid-Danimarka

-
- ❶ L-ewwel qari
- ❷ Punt ibbażat fuq proposta tal-Kummissjoni
- ❸ Dibattitu pubbliku propost mill-Presidenza (Artikolu 8(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill)
- (*) Punt li jista' jintalab vot dwaru
-

Dikjarazzjoni għall-punt "A" leġiżlattiv li jinsab fid-dokument 9505/25

Dwar il-punt "A"
nru 2:

Direttiva li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE fir-rigward tal-istatus ta' protezzjoni tal-lupu (Canis lupus)
Adozzjoni tal-att leġiżlattiv

DIKJARAZZJONI MILL-PORTUGALL

"Ir-riżultati taċ-ċensiment 2019-2021 fil-Portugall jindikaw li ż-żona abitata mill-ilpup, jiġifieri r-reġjun Trás-os-Montes u ż-żona ta' madwar il-wied fin-Nofsinhar tad-Douro, ċkienet fl-aħħar għoxrin sena.

Fil-livell nazzjonali, l-għadd ta' gruppi identifikati wkoll naqas f'tit, li jindika xejriet differenti ħafna fl-erba' ċentri tal-popolazzjoni li jeżistu.

Wieħed mill-fatturi ewlenin li jipperikolaw il-konservazzjoni tal-ilpup fil-Portugall huwa l-mewt ikkawżata direttament mill-bniedem, li f'ħafna żoni għadu responsabbli għall-għajbien tal-ispeċi u/jew tal-gruppi."

Dikjarazzjonijiet għall-punt leġiżlattiv "B" li jinsab fid-dok. 9452/25

Dwar il-punt "B"
nru 3:

Regolament dwar id-drittijiet tal-passiġġieri tal-ajru
(Bażi legali proposta mill-Kummissjoni: l-Artikolu 100(2) TFUE)
Qbil politiku

DIKJARAZZJONI MILL-ESTONJA

"L-Estonja tesprimi l-apprezzament tagħha għall-isforzi kbar tal-Presidenza Pollakka fit-tmexxija tad-diskussjonijiet dwar il-proposta għar-reviżjoni tar-Regolament (KE) Nru 261/2004 dwar id-drittijiet tal-passiġġieri tal-ajru u l-isforzi tagħha biex tibni compromess fost l-Istati Membri. L-Estonja tibqa' impenjata li tistabbilixxi regoli ċari u sempliċi li jiggarrantixxu kura u assistenza adegwati għall-passiġġieri. Fl-istess ħin, huwa importanti li jinżamm approċċ ibbilanċjat li jqis l-obbligi tat-trasportaturi tal-ajru, u b'hekk tiġi appoġġata s-sostenibbiltà tas-settur tal-avjazzjoni.

Ir-Regolament għandu primarjament jiżgura li l-passiġġieri jirċievu l-kura u l-assistenza xierqa u jkunu jistgħu jaslu fid-destinazzjoni tagħhom malajr kemm jista' jkun. Sistema ta' kumpens ċara u sempliċi hija essenzjali biex timminimizza l-inkonvenjenza matul it-tfixkil u biex tinċentiva lit-trasportaturi biex joperaw titjiriet imdewma minflok jikkancelawhom.

Matul in-negozjati, ġew proposti diversi limiti ta' dewmien. L-Estonja tappoġġa l-introduzzjoni ta' **limitu uniformi ta' dewmien ta' ħames sigħat** għat-titjiriet kollha, irrISPettivament mit-tul tal-vjaġġ, skont l-Artikolu 7 tar-Regolament 261/2004. Ir-raġunament dettaljat tagħna huwa kif ġej:

1. L-użu ta' limitu uniku jissimplifika r-Regolament, jagħmel il-kalkoli tal-kumpens aktar sempliċi u jiċċara r-regoli ta' kumpens għall-passiġġieri.
2. Mill-perspettiva tal-passiġġieri, l-impatt ta' titjira mdewma huwa fundamentalment l-istess, irrISPettivament mid-distanza tal-vjaġġ. Għalhekk, ma hemmx bżonn li ssir distinzjoni bejn il-limiti ta' kumpens ibbażati fuq id-distanza, peress li l-esperjenza ta' inkonvenjenza minħabba dewmien ma tvarjax.
3. Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, ħames sigħat huma biżżejjed biex il-kumpaniji tal-ajru jsewwu l-ajruplan, isibu inġenju tal-ajru ieħor jew jipprovdu titjiriet alternattivi.

Minħabba dawn il-konsiderazzjonijiet, il-limitu ta' sitt sigħat propost mill-Presidenza fil-proposta ta' compromess mhuwiex aċċettabbli għalina. L-Estonja tqis li dewmien ta' ħames sigħat jew aktar jirriżulta f'inkonvenjenza konsiderevoli għall-passiġġieri u għandu jiġi kkumpensat.

Fid-dawl tal-importanza ta' din il-kwistjoni, l-Estonja mhijiex f'pożizzjoni li tapprova l-ftehim politiku dwar ir-Regolament dwar id-Drittijiet tal-Passiġġieri bl-Ajru u għalhekk ser tastjeni."

DIKJARAZZJONI MIR-REPUBBLIKA TAL-LITWANJA

"B'mod ġenerali, ir-Repubblika tal-Litwanja tappoġġa l-oġettivi tal-proposta dwar id-Drittijiet tal-Passiġġieri bl-Ajru u tilqa' l-isforzi li saru mill-Presidenza biex jinkiseb Qbil Politiku dwar dan id-dossier.

Madankollu, filwaqt li tirrikonoxxi l-bilanċ ġenerali tal-abbozz ta' proposta, il-Litwanja tqis li ċerti elementi ewlenin jiddevjaw saħansitra mir-regoli applikabbli bħalissa u jnaqqsu l-protezzjoni tal-passiġġieri. B'mod partikolari, it-test propost fl-Artikolu 7 tal-abbozz ta' Qbil Politiku jdgħajjed id-drittijiet tal-passiġġieri f'każijiet ta' interruzzjoni jew dewmien tat-titjira mal-wasla wara r-riprogrammar tar-rotta wara l-kanċellazzjoni, li jwassal għal ħinijiet ta' stennija itwal u kumpens imnaqqas għall-inkonvenjenzi kkawżati.

Ir-Repubblika tal-Litwanja temmen li l-għan ewlieni tal-leġiżlazzjoni dwar id-Drittijiet tal-Passiġġieri tal-Avjazzjoni huwa li tissimplifika u taġġorna r-regoli attwali, tiżgura ċ-ċarezza tal-obbligi għall-partijiet kollha kkonċernati, u tipprovdi protezzjoni adegwata u bbilanċjata għall-passiġġieri. Fl-istess ħin, ir-Repubblika tal-Litwanja tinnotta li l-Unjoni Ewropea għandha firxa suffiċjenti ta' strumenti oħra disponibbli biex issaħħaħ il-kompetittività tas-settur tal-avjazzjoni tagħha fis-suq dinji. Madankollu, il-kompetittività tal-industrija Ewropea tal-avjazzjoni m'għandhiex issir għad-detriment tad-drittijiet tal-vjaġġaturi. Ir-Repubblika tal-Litwanja ssostni li d-drittijiet tal-passiġġieri huma element ewlieni u għandhom jibqgħu fokus ċentrali ta' din il-proposta biex jiġi massimizzat il-valur tagħha għas-soċjetà."